MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 100/2004

**Maltacom p.l.c.  C22334**

**Vs**

**Water Services Corporation**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm185.33c) rapprezentanti hsarat ikkagunati mill-korporazzjoni konvenuta fuq *cables* tat-telefon.

Ra r-Risposta fejn il-korporazzjoni konvenuta qalet illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.
Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-*Incident Report* fejn Alessio Sammut tas-socjeta' attrici qal:

"Complainant in his capacity as technical executive with the Maltacom Corporation reported that this morning at about 9a.m whilst digging in Anglu Gatt Street, Mosta they discovered that two telephone cables of 100 PR each had sustained damages. Furthermore, on top of these complainant noticed a water pipe and most probably damages were caused when placing same. Complainant stated that they are to conduct enquiries with the Waterworks and are to inform the Police accordingly."

Ra x-xhieda ta' Victor Busuttil li huwa Senior Technical Officer mas-socjeta' attrici fejn jikkonferma li l-korporazzjoni konvenuta qatt ma kienet talbet permess sabiex isir xoghol fit-triq in konnessjoni ma' din il-kawza. Busuttil jghid illi ma kienx mar fuq il-post.

Ra x-xhieda ta' Alessio Sammut li kien impjegat mas-socjeta' attrici bhala Technical Executive fejn jikkonferma illi dakinhar ta' l-incident kien hemm kuntrattur ihaffer fi Triq Anglu Gatt, il-Mosta waqt li laqat zewg *cables* ta' mija-il wiehed. Jghid illi kellem lill-kuntrattur izda ma jafx min.

Ra x-xhieda ta' Raymond Vella li huwa Foreman mal-korporazzjoni konvenuta fejn jikkonferma li fit-8 ta' Jannar, 2002 l-istess korporazzjoni kienet qed tirranga mejn maqsum ta' l-ilma fit-triq in konnessjoni.
Jghid illi l-procedura hi, li jekk impjegati mal-korporazzjoni konvenuta jaqtghu xi mejn icemplulu izda hadd ma kien cempillu dakinhar. Vella jghid ukoll illi normalment wara li l-korporazzjoni konvenuta tispicca x-xoghol jidhol xi kuntrattur jew xi hadd tal-lokal sabiex jaghmel xoghol iehor.

Jikkonferma li x-xoghol kien sar bl-idejn u allura hadd ma ccekkja jekk kienx hemm xi mejns tas-socjeta' attrici.

Ra x-xhieda ta' Joseph Scicluna fejn jghid li fit-8 ta' Jannar, 2002 kien qed ihaffer ghan-nom tal-korporazzjoni konvenuta fejn jikkonferma li x-xoghol kien sar bl-idejn. Jikkonferma wkoll illi dakinhar ma kienux sabu *cables* tal-Maltacom u ma laqtu ebda *cable* ta' l-istess socjeta' attrici.

Jikkonferma wkoll illi wara li telqu l-impjegati tal-korporazzjoni konvenuta kien gie kuntrattur jahdem.

Ra x-xhieda ta' Joe Cilia u ta' John Gafa li huma mpjegati mal-korporazzjoni konvenuta fejn jikkonfermaw li qal Joseph Scicluna.

Illi s-socjeta' attrici ma gabitx bizzejjed provi biex turi li l-korporazzjoni konvenuta kienet b'xi mod responsabbli ghad-danni li sofriet. Il-fatt li l-impjegati tal-Water Services Corporation kienu qieghdin jahdmu hemm, ma jfissirx li huma necessarjament ghamlu l-hsara. Alessio Sammut, Technical Executive mal-Maltacom plc qal li kellem kuntrattur li kien qed ihaffer izda ma jafx min kien dan il-kuntrattur u kien qed jistenna sabiex il-pulizija jaghmlu l-investigazzjoni.
Illi s-socjeta' attrici ma gabitx konferma mill-pulizija li l-korporazzjoni konvenuta kienet b'xi mod responsabbli.

Ghaldaqstant jilqa' r-Risposta tal-korporazzjoni konvenuta u jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra Maltacom plc.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------